ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 05/12**
***Kienet addottata Aġenda nru. 04/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 15 ta' Mejju 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 02-04/12

Billi l-minuti tas-seduti bin-nru. 02-2012, 03-2012 u 04/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 02-04/12

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

Il-Kunsillier Camilleri qal biex tkun sospiża l-aġenda biex membru tal-pubbliku jagħmel intervent waqt laqgħa tal-Kunsill, għandha ssir talba bil-miktub minn qabel. Kien hemm qbil dwar il-punt imqajjem mill-Kunsillier Camilleri.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN BIN-NRU. 28/12

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 28/2012 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-ittra ta' direzzjoni għas-sena 2011. Ġie deċiż li tintbagħat korrispondenza lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kumment li għadda l-Awditur fl-ittra tiegħu fir-rigward tal-onorarja żejda li kien ħa l-eks Sindku Carmelo Saliba.

Komunikat tal-Awtorita' ta' Malta dwar it-Turiżmu dwar iż-żjara li ser jagħmlu fiż-Żebbuġ fit-23 ta' Mejju 2012.

Il-Viċi Sindku elenka l-postijiet ta' interess fiż-Żebbuġ u f' Marsalforn li nkluda fil-programm għal din iż-żjara.

Il-Kunsill approva:

- li jagħti *snack* lid-delegazzjoni għand il-Lantern Restaurant.
- li jikri *mini bus* għal ġurnata mingħand Joseph Garage.

Komunikat mibgħut mill-Awtorita' għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumaturi dwar laqgħat ta' informazzjoni għar-residenti fuq id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tal-konsumaturi. Dawn il-laqgħat se jkunu kunsidrata aktar il-quddiem mill-Kunsill.

Ittra mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba dwar żjara li ser jagħmel grupp mill-Imqabba fiż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb jikkoordina għall-quddiesa.

Ittra anonima dwar *traffic management* fi Triq il-Knisja, id-daħla tar-raħal. Kien hemm qbil li ssir talba għal *site visit* mal-Perita ta' Transport Malta.

Komunikat mibgħut minn Anthony Saliba dwar il-kundizzjoni ta' Triq Ta' Milied. Kien miftiehem li ssir *site visit* mis-Sindku u l-Kunsillier Camilleri.

Ittra mibgħuta minn Carmel Saliba dwar it-tismija ta' triq fiż-Żebbuġ għat-28 ta' April, Jum iż-Żebbuġ.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Il-Perit Saviour Micallef f' isem John Cefai għal użu ta' sit għal kiri ta' *sunbeds* u | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għal din it-talba. |

| | |
|---|---|
| *umbrellas* fil-Bajja tal-Qbajjar minn Ġunju sa Settembru. | |
| Applikazzjonijiet għal meter tad-dawl temporanju ta' Rita Cini għal kjosk fix-Xwejni mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2012. | Approvata. |

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-ċedola tal-pagamenti skeda nru. 2/2012 – DOK A kienet approvata.

## 7. DEKASTERI

Suġġett se jkun diskuss f' seduta oħra.

## 8. IS-SERVIZZ TAL-I*SKIPS ON WHEELS*

Is-Sindku qal il-*camera* li għandu l-Kunsill fi Triq iż-Żebbuġ taħdem tajjeb.
Gie deċiż li nitolbu stima għal antenna biex mill-uffiċċju tal-Kunsill tkun tista' ssir sorveljanza tal-*camera*.

## 9. ILWIEN IR-REBBIEGĦA

Għall-attivitajiet ta' Ilwien ir-Rebbiegħa, il-Kunsill approva:

Għal Ġimgħa l-1 ta' Ġunju
il-kantanti Freddie Portelli u Marisa D' Amato u l-grupp tagħha.

Is-Sibt it-2 ta' Ġunju
8.00 – 9.00pm marċ mill-Banda Sta Marija.
The Turning Pointe Dance Theatre & Gymnastics Gozo, Kor Regina Angelorum, Cini Brothers Band, Joseph Refalo, Claudia Faniello u The Spectrum.

Tippreżenta Diane Calleja. Divertiment għat-tfal minn Jump Malta.

Jintramaw antarjoli u festun bil-bozoz fil-pjazza mill-Għaqda Armar Sta Marija.

Il-Kunsill approva dawn il-kwotazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| Għal kiri ta' sistema tas-*sound* u dwal – Power Sound | €1,180.00 |
| Stampar ta' *flyers* – BCD Printing | €447.30 |
| Tlett *banners* – Refalo Signs | €329.22 |

Dwar is-servizz ta' fotografu, il-Kunsill talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tavviċina lil Matthew Vella.

Is-Segretarja Eżekuttiva tat rendikont tal-i*sponsors* li kienu nġabru.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għal darb' oħra, il-ġurnata tkun miftiehma aktar il-quddiem.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |